MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1149/2004

**Michael Abela**

**Vs**

**Glenn Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti danni minnu subiti f'incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta` Marzu, 2004 gewwa Buskett Road, Rabat bejn il-vettura misjuqa mill-attur Toyota Hilux bin-numru ta` registrazzjoni HAJ 325 u dik misjuqa mill-konvenut Lada Samara bin-numru ta` registrazzjoni DAR 635.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li huwa ma jahti xejn ghall-incident in kwistjoni u kien biss responsabbli ghal tali incident l-attur stante li dan hareg bi traskuragni minn fuq Stop Sign li kien u ghadu hemm fuq il-post ta` l-incident.

Sema` x-xhieda ta` Michael Abela, Clayton Frendo, Philip Attard, Mariella Micallef, Glenn Mifsud u ta` Roderick Attard.

Ra s-sentenza preliminari tas-27 ta` Gunju, 2006.

Ra d-dokumenti ulterjuri esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema` x-xhieda ulterjuri ta` Michael Abela u Glenn Mifsud u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi fis-sentenza fuq citata gie ritenut illi r-responsabbilta` tal-kollizjoni ghandha tigi apporzjonata kwantu ghal tlett kwarti (3/4) ghall-attur u kwart (1/4) ghall-konvenut. Is-sentenza prezenti tirrigwarda l-kwantifikazzjoni tad-danni u l-kundanna ta’ hlas ta` l-istess.

Mis-*survey report* esebit jirrizulta illi l-*labour and spray* kienu kkalkolati li jiswew erba` mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm453.97c) izda dan is-*survey report* ma jinkludix il-*parts*. Fis-seduta tal-20 t`Ottubru, 2006 l-attur esebixxa d-dokumenti relattivi ghar-riparazzjonijiet li fin-Nota minnu mehmuza ammontaw ghal sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm628).

Il-konvenut qieghed jikkontesta Dokument E li hija ricevuta ta` *pulley* ta` mutur tal-hart u mhux tal-vettura in kwistjoni. Inoltre, qieghed isostni li m’ghandux ihallas ghar-riparazzjonijiet fir-*radiator* u fil-*battery*. Dwar ir-*radiator* u l-*battery*, it-Tribunal jinnota illi dawn gew *surveyed* mis-*surveyor* mahtur minn Untours li hija l-assigurazzjoni tal-konvenut. Inoltre, gie kkonfermat mill-istess attur li meta sehh l-incident dawn gew iddanneggjati

u konsegwentement, it-Tribunal huwa tal-fehma li dawn iz-zewg affarijiet ghandhom jigu nkluzi izda m’ghandux jigi nkluz fil-*quantum* l-ircevuta relattiva ghall-*pulley* li t-Tribunal huwa sodisfatt li din ma tirrigwardax il-vettura in kwistjoni u dan tenut kont ukoll tal-fatt illi ghalkemm l-ircevuti l-ohra hargu fl-2005, din l-ircevuta tal-*pulley* iggib id-data t`Ottubru, 2006 u mhux kredibbli li dan il-*pulley* gie necessitat minhabba l-kollizjoni in kwistjoni.

Ghar-rigward tad-Dokument D jirrizulta illi apparti li hemm zball fl-addizzjoni, hemm oggett wiehed ta` hamsin lira Maltin (Lm50) li ma giex mixtri u fil-fatt gie maqtugh barra izda dwar dan l-attur xehed illi minflok dik il-*part* partikolari huwa akkwista ohra *second hand* li swietlu tletin lira Maltin (Lm30) izda li huwa m’ghandux ricevuta taghha izda fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal ihoss illi l-ammont ta` tletin lira Maltin (Lm30) minflok ta` hamsin lira Maltin (Lm50) huwa sodisfacenti u konsegwentement il-*quantum* qieghed jigi llikwidat hekk:

sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm70.95c) ghar-*radiator*;
tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22) *service of wing*;
tletin lira Maltin (Lm30) *battery*;
mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm171) *Japanese Auto Parts*;
sbatax-il lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm17.34c) *bumper*;
mitejn u hamsa u disghin lira Maltin (Lm295) *panel beating and spray*;

**Total ta` sitt mija u sitt liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm606.29c).**

Dan l-ammont ghandu jigi diviz kwantu ghal kwart (1/4) ghall-konvenut u tlett kwarti (3/4) ghall-attur u konsegwentement il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta` mija u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm151.57c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma

ta` mija u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm151.57c) bl-interessi mid-data tal-prezentata ta` l-Avviz. L-ispejjez tal-kawza huma kwantu ghal kwart (1/4) ghall-konvenut u tlett kwarti (3/4) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------